MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2004

Numru 838/2004

Il-Pulizija
(spettur Bernard Zarb)
vs
Francis sive Frank Baldwin

Illum 1 ta' Dicembru, 2004

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Settembru 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Mr Joseph Mary u Mrs Pauline Cordina billi holoq dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-

pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

2. Ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

3. Iffalsifika cedola, polza ordni jew dokumenti ohra cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Mr Joseph Mary & Mrs Pauline Cordina, illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija.

4. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Joseph Mary sive Jesmond Cordina, Pauline Cordina, Bank of Valletta, Joseanne Azzopardi, Class Co Ltd u diversi persuni ohra.

5. Xjentement laqa ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex imexxihom jew ibieghhom.

6. Ikkommetta serq ta’ cekk book mahrug mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Joseph Mary u Pauline Cordina, liema serq huwa aggravat bil-persuna.

7. Sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta’ Jannar 2004.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 12 tal-atti u li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-istess imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 13 ibid).

Semghet lill-istess akkuzat, minn jeddu, jiddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu (ara fol 13 u fol 14 tal-istess atti) u dan wara li l-istess Qorti informat lill-istess akkuzat li hu ghandu d-dritt ta' avukat biex jassistih, anke tal-ghajnuna legali.
Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment:
a) Dak verbalizzat a fol 14 ibid sabiex ikun hemm 'pre sentencing report' qabel ma tinghata s-sentenza finali minn din il-Qorti u dan fuq talba tal-istess prosekuzzjoni.
b) Dak verbalizzat mill-istess ufficjal prosekutur fl-istess seduta (fol 15 ibid) fis-sens illi " l-akkuzat irritorna kwazi r-rikavat kollu mehud b'qerq mill-akkuzat skond kif indikat fl-akkuzi".
c) Dak verbalizzat waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2004 (fol 21 u fol 22 tal-atti) minn fejn jidher li l-istess Qorti ordnat li l-akkuzat jigi arrestat u jingieb quddiem din il-Qorti minnufih minhabba dak premess fl-istess verbal u dan minghajr ma irrevokat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess skond id-digriet a fol 16 tal-istess atti.

Rat ir-rikors u d-digriet taghha a fol 25 ibid.

Rat dak verbalizzat a fol 26 u fol 27 tal-istess atti.

Rat il-'pre sentencing report' sottomess, taht gurament, mill-ufficjal tal-probation Carmen Borg (fol 30 sa fol 52 tal-istess atti u dak rakkomandat lil din il-Qorti mill-istess ufficjal tal-'Probation'.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi a bazi tal-ammissjoni ta' htija minghajr rizerva, maghmula mill-akkuzat quddiem din il-Qorti, l-istess akkuzat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli f'diversi bnadi, f'dawn il-gzejjer, bejn ix-xhur ta' Lulju u Settembru 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Mr Joseph Mary u Mrs Pauline Cordina billi holoq dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

2. Ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

3. Iffalsifika cedola, polza ordni jew dokumenti ohra cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Mr Joseph Mary & Mrs Pauline Cordina illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew jigbor dopozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija.

4. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ Joseph Mary sive Jesmond Cordina, Pauline Cordina, Bank of Valletta, Joseanne Azzopardi, Class Co Ltd u diversi persuni ohra.

5. Xjentement laqa ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom.

6. Ikkommetta serq ta’ cekk book mahrug mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Joseph Mary u Pauline Cordina, liema serq huwa aggravat bil-persuna.

7. Sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta’ Jannar 2004.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 334, 268, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena, il-Qorti kkunsidrat:

a) Il-Fedina penali tal-akkuzat minn fejn jidher li dan il-kaz hu l-ewwel wiehed li jinvolvi reati ta’ natura ekonomika kommess mill-akkuzat. Di fatti jidher li fil-passat l-akkuzat ikkommetta reati kontra r-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in konnessjoni mar-relazzjoni tieghu mas-siehba u binthom minuri.
b) Dak verbalizzat fil-‘pre sentencing report’ imsemmi minn fejn jidher li f’dan il-kaz ghandha tigi imposta l-hekk imsejjha ‘sentenza sospiza’.
c) Dak verbalizzat waqt is-seduta tat-22 ta’ Novembru 2004 minn fejn jidher li kemm il-prosekuzzjoni kemm id-difiza, ghan-nom tal-akkuzat, qablu ma’ dak kollu sottomess fl-istess rapport specifikatament fil-paragrafu (e) ‘supra’.
d) Dak verbalizzat a fol 15 tal-atti minn fejn jidher li l-akkuzat “..... irritorna kwazi r-rekavat kollu mehdud b’qerq.... ..” (ara wkoll fol 5 u fol 14 tal-atti).
e) Fl-ahhar nett, l-akkuzat ammetta il-htija tieghu fil-bidunett ta’ dawn il-proceduri.

Minn dak kollu premess, jidher li l-akkuzat jimmerita piena karcerarja “sospiza” u dan anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, minghajr pero, ma jinghata ordni ta’ kumpens lil vittmi tar-reati in ezami minhabba dak gia verbalizzat “supra” fil-paragrafu (d) oltre li l-valur tal-istess oggetti ma hux cert.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospiza ghal perjodu ta’ erba (4) snin bil-kundizzjoni li l-istess akkuzat ma jikkommettiex reat iehor soggett ghall-piena ta’ pringunerija fl-istess perjodu ta’ erba’(4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat l-implikazzjonijiet ta’ dak kollu deciz f’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------